21 ta' Lulju, 1947

**Imhallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Joseph Bonnici**

**Ingurja bl-Istampa — Verità tal-Fatti Attribwiti lill-Parti Offiża — Art. 16 ta' l-Ordinanza V ta' l-1933.**

*Il-liġi ta' l-istampa tammetti lill-imputat li jipprova l-verità tal-fatti minnu attribwiti lill-persuna offiża fil-każ li l-offiż jeżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fattijiet attribwiti lilu huma dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa, u fil-każ li jkollu karika ta' interess publiku u ġenerali.*

*Persuna impjegata bħala skrivan ma' għaqda ko-operattiva ta' l-agrikoltura mhux persuna li taqa' taħt xi wieħed mill-każijiet kontemplati mill-liġi; u għalhekk ma tistax tiġi eċċepita kontra tiegħu l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti lilu mputati.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha, fuq kwerela ta' Anġlu Vella, ġie lill-imsemmi Giuseppe Bonnici imputat illi ma' tul l-aħħar sena, bħala editur tal-ġurnal "Il-Habbar" (stampat fil-"Lux Press" il-Hamrun), per mezz ta' stampati li ġew minnu publikati, jew li huwa ppermetta li jiġu publikati, fl-artikoli miġjuba (1) fit-tielet kolonna tat-tieni faċċata tan-numru 9 tat-23 ta' Marzu 1947 ta' "Il-Habbar", taħt it-titolu "L-Iskrivan Anġlu Vella", bil-kliem li jibdew "L-Għaqda Ko-operativa" u jispiċċaw "Valletta", (2) fit-tielet kolonna tat-tieni faċċata tan-numru 11 tal-20 ta' April 1947 ta' "Il-

Habbar", taħt it-titolo "To His Excellency Mr. Douglas— Il-Ħbieb tas-Sur Biasini", bil-kliem li jibdew "Habib ġdid ieħor" u jispiċċaw "ma hux xieraq li nsemmi iżjed", infama lill-imsemmi Anġlu Vella billi attribwielu fattijiet determinati bi skop li joffendi l-unur u l-fama tiegħu u li jesponieh għad-disprezz tal-publiku, skond l-art. 15 ta' l-Ordinanza ta' l-Istampa (Kap. 117);

Rat il-kwerela mġjuba maċ-ċitazzjoni, kif ukoll iż-żewġ numri ta' "Il-Habbar" fuq imsemmijin;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tad-20 ta' Mejju 1947, li biha ġiet miċħuda t-talba ta' l-imsemmi Joseph Bonnici għall-prova tal-verità tal-fatti;

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq indikata, mogħtija fl-10 ta' Ġunju 1947, li biha l-istess Joseph Bonnici ġie misjub ħati skond l-akkuża u kundannat £8 multa; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi evidentement biż-żewġ artikoli fuq imsemmija hemm malafama għal Anġlu Vella, għaliex min jaqrahom għandu jifhem illi dana ġie liċenzjat mill-imsemmija Għaqda għan-nuqqas da parti tiegħu fl-onestà jew fil-kapaċità, jew fid-diportament tajjeb; u mhux aċċettabili dak li ssottomettiet id-difiża taċ-ċitat, jiġifieri li dana ma kellux l-animu li jimmalafama lil Vella, u li l-iskop ta' l-artikolu nkriminat kien biss li jiġu nfurmati l-klijenti illi dak Vela ma kienx għadu fl-impjeg ħalli ma jagħmlux pagamenti lilu; il-għaliex kieku kien hekk, kien ikun biżżejjed avviż bħal ma soltu jsir fil-ġurnali, fis-sens li Anġlu Vella ma għadux iżjed fl-impjeg mal-Għaqda;

Illi l-animu li jiġi malafamat l-imsemmi Vella jidher iżjed ċar meta wieħed jaqra t-tieni artikolu nkriminat, għaliex f'dan l-artikolu............ u b'hekk dana l-artikolu jagħti ad intendere li l-liċenzjament ta' Anġlu Vella kien għal kawżi mputabili għala dana u għal nuqqasijiet li minħabba fihom l-Għaqda pproċediet kontra tiegħu ġudizzjarjament;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Joseph Bonnici interpona appell lil din il-Qorti kontra d-digriet u s-sentenza fuq imsemmijin;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-appell mid-digriet tad-29 ta' Mejju 1947, li bih ġiet respinta t-talba għall-prova tal-verità tal-fatti;

Illi mill-verbal in data 29 ta' Mejju 1947 jirriżulta illi l-akkużat, fl-istadju preliminari tal-kawża, ħa r-responsabilità kollha tal-malafama li tagħha ġie akkużat, u ddikjara li b'difiża tiegħu ried jipprova l-verità tal-fattijiet minnu attribwiti lill-parti offiża, in bażi ta' dak li hemm maħsub fl-art. 16, par. 1, inċ. (c) u (e), ta' l-Ord. V ta' l-1933;

Illi però, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, dina t-talba ta' l-akkużat ma tistax tiġi milqugħa għar-raġuni illi l-imsemmijin dispożizzjonijiet tal-liġi jammettu l-prova tal-verità tal-fatti fil-każ li l-offiż jeżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fattijiet attribwiti lilu huma dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa, u fil-każ li jkollu karika ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess publiku in ġenerali, mentri l-offiż, fil-każ preżenti, kien impjegat biss bħala skrivan mal-Għaqda Ko-operativa ta' l-Agrikoltura ta' Għawdex; u kwindi, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, l-impjieg tiegħu ma jaqa' taħt ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati;

Għaldaqstant din il-Qorti tirrespinġi l-appell u tikkonferma d-digriet fuq imsemmi li bih ġiet miċħuda t-talba ta' l-akkużat għall-prova tal-verità tal-fatti;

Tikkunsidra fil-meritu;

Illi dina l-Qorti taqbel għal kollox mar-raġunament li għamlet l-Ewwel Qorti u mal-konklużjoni li fiha waslet, u ma ssib xejn x'iżżid; u kwindi, wara li tadotta l-motivi ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fl-10 ta' Ġunju 1947.